

# Il-Kanonku Penitenzier Dun Ġużepp Zammit 1917-2006

- *Francis G. Frendo*

*Hajr is-Sur George Sammut*

275 sena festna 1741 - 2016

Din is-sena jaħbat l-għaxar sena mill-mewt tal-Kanonku Dun Ġużepp Zammit u għalhekk xieraq li nfakkru lil dan il-kompajżan tagħna. Dun Ġużepp twieled Ħal Qormi jumejn qabel il-festa ta' San Ġorġ M. (li kienet għadha tiġi ċċelebrata fil-ġurnata tagħha), nhar is-Sibt 21 ta' April 1917, minn Franġisku Zammit (Ta' Peppi ż-żgħir) u Ġorġa, imwielda Cassar (Tal-Majjistra). Dun Ġużepp ġie mgħammed l-għada tal-festa ta' San Ġorġ jiġifieri t-Tlieta, 24 ta' April 1917, fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ M. minn Dun Salv Sammut. Il-parrinijiet kienu żijuh Ġorġ Zammit (ħu missieru u missier l-Avukat Ġorġ Zammit) u l-mara tiegħu Ludgarda Zammit. L-ismijiet li ngħata kienu Ġużeppi, Judas Thaddeus, Nazzareno, u Ġorġ. Ma semmewhx għal San Ġorġ minħabba li l-ewwel wild minn ħutu kien diġà jismu Ġino (Ġorġino).

**Wild familja numeruża**

Dun Ġużepp u ħutu li nafu aħna, u dawk li mietu żgħar, twieldu matul medda ta' 20 sena, bejn l-1910 u l-1930. Ulied Franġisku u Ġorġa li baqgħu ħajjin jgħoddu tmienja, li kienu Ġorġinu (jew Ġino kif kien magħruf), Karmenu, Dolor, Ġużeppi, Salvina, ĠannAndrin, Antonio u Grazia. Ma' dawn kien hemm erbgħa li mietu żgħar li kienu Pawlina bejn Dolor u Ġużeppi, Anastasia bejn Ġużeppi u Salvina, Anastasia oħra bejn Salvina u ĠannAndrin, u Agata bejn ĠannAndrin u Antonio.

Missier u omm Dun Ġużepp it-tnejn kellhom is-sengħa tagħhom. Missieru kien fin-negozju taż-żraben u kellu ħanut fi Triq San Pawl il-Belt Valletta, ftit 'il fuq mill-knisja ta' San Pawl. Ommu kienet ir-reffiegħa tat-trabi ma' ommha Marija Karmela, il-majjistra (il-Qabla jew il-Midwife). Ħutu wkoll kollha kienu bil-mestier tagħhom. Ġino, li kien joqgħod f'nru 84, Triq il-Barrakki, kien skarpan. Għamel snin jaħdem għall-ħanut ta' missieru u aktar tard kien impjegat bħala skarpan fir-residenza tal-anzjani San Vinċenz De Paule. Ġino kien miżżewweġ lil Tereża, imwielda Schiavone miż-Żejtun u kellhom sebat itfal: Twanny, Consiglia, Ġiorġina, Ġużi, Frans, Karmenu u Manuel.

Karmenu, it-tieni fost ħut Dun Ġużepp, għall-ewwel kien joqgħod f'nri 23 u 25, Triq Santa Katerina u aktar tard f'nru 124, Triq Aniċi. Kien kok prim, l-ewwel fil-kunvent tal-patrijiet ta' Ġiżu ta' Tas-Sliema u aktar tard fil-palazz tal-Gvernatur ma' Sir Maurice Dorman. Kien miżżewweġ lil Antonia, imwielda Bonnici minn Ħal Qormi u kellhom erbat itfal, Anġolina, Rose, Ġorġ, u Ċensina. Wara li romol, Karmenu kien reġa' żżewweġ lil Fransina Azzopardi miż-Żejtun.

Iż-żewġt ibniet li twieldu waħda qabel u l-oħra wara Dun Ġużepp, jiġifieri Dolor u Salvina, kif ukoll l-iżgħar fost l-aħwa, jiġifieri Grazia, baqgħu xebbiet id-dar. Wara Salvina ġie ĠannAndrin li għall-ewwel kien joqgħod f'nru 19, Triq il-Kardinal Xiberras u aktar tard f'nru 140, Triq Aniċi. Kellu s-sengħa ta' ħajjat u kellu l-ħanut fejn illum *ikompli f'paġna 97*

hemm id-dar tal-anzjani Dar Madre Margerita, fi Triq il-Kbira, Ħal Qormi. Kien miżżewweġ lil Ġuża, imwielda Biġeni minn Ħal Qormi u kellhom żewġt itfal, Ġorġ u Ġużi. L-iżgħar fost l-aħwa subien ta' Dun Ġużepp kien Antonio li joqgħod f'nru 137, Triq Aniċi. Dan ukoll, bħal missieru, kien fin-negozju taż-żraben, bil-ħanut fi pjazza San Ġwann, il-Belt Valletta. Kien miżżewweġ lil Lorenza, imwielda Borg mill-Birgu u kellhom żewġt itfal, Lorenza u Ġiorġina.

## Is-sejħa għas-saċerdozju

Dun Ġużepp beda jmur l-iskola għand is-sorijiet Agostinjani u kompla fl-iskola primarja tal-gvern ta' Ħal Qormi. Wara beda l-edukazzjoni sekondarja fis-seminarju tal-Qalb ta' Ġesu' tad-Djoċesi ta' Għawdex. Billi ħass is-sejħa għas-saċerdozju, wara li spiċċa l-edukazzjoni sekondarja huwa beda l-istudji meħtieġa biex seta' jħaddan dak l-istat. Matul iż-żmien li kien jistudja fis-seminarju ta' Għawdex kien hemm rettur Mons. Ġużeppi Pace, in-neputi tal-Arċisqof Pietru Pace li kien isqof ta' Malta qabel Mons. Mauro Caruana. Dun Ġużepp ġie ordnat Djaknu fil-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta minn idejn Mons. Isqof Mikiel Gonzi, li kien għadu Isqof ta' Għawdex, fid-19 ta' Lulju 1943 (dakinhar li tefgħu l-bombi fuq il-Bażilka ta' San Lawrenz barra s-swar ta' Ruma). Wara li għamel l-eżamijiet meħtieġa fil-Kurja ta' Malta, id-Djaknu Dun Ġużepp Zammit kien ordnat Saċerdot minn Mons. Mikiel Gonzi, nhar is-Sibt 23 ta' Settembru 1944, fil-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta. Ta' min jinnota li Mons. Mikiel Gonzi kien għadu kemm sar Arċisqof ta' Malta filwaqt li Mons. Ġużeppi Pace (li kien ir-Rettur tas-Seminarju ta' Għawdex) sar Isqof ta' Għawdex minfloku. Hawnhekk tajjeb li nsemmu wkoll li ma' Dun Ġuzepp fl-istess ordinazzjoni kien ġie ordnat Saċerdot ieħor mill-parroċċa tagħna, Dun Karm Scicluna (tal-Lupepp).



**Ritratt ta' meta sar Kanonku 1960.**

Bl-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu ntemmet il-ħolma kemm ta' Dun Ġużepp innifsu kif ukoll tal-familja kollha, l-aktar taz-ziju ta' ommu Dun Ġammari Bonnici (Tal-Majjistra) (li konna tkellimna fuqu fil-ħarġa ta' dan il-ktieb tas-sena 2014). Sew Dun Ġammari (fl-1911) u sew Dun Ġużepp (fl-1944) għażlu l-1 ta' Ottubru għall-Prima Messa tagħhom. Fil-fatt Dun Ġużepp iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu nhar il-Ħadd 1 ta' Ottubru 1944, fil-knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ M, il-knisja li fiha aktar qabel fis-snin huwa kien irċieva is-sagramenti tal-Magħmudija u tal-Griżma tal-Isqof. Dakinhar fil-parroċċa kienet qiegħda ssir il-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Dun Ġużepp ġie akkumpanjat mill-kleru numeruż tal-parroċċa flimkien maz-ziju ta' ommu Dun Ġammari Bonniċi, mill-kappillan ta' dak iż-żmiem Dun Anton Vella flimkien ma' bosta mistednin u ħbieb li ħadu sehem fil-quddiesa. Il-Parrinijiet kienu iz-ziju ta' ommu Dun Ġammari Bonnici u Dun Alfredo Mizzi li kien ħabib kbir tal-familji Zammit u Cassar. Il-Panigierku ntiseġ minn Mons. Ġużeppi Pace li kien ir-rettur tas-seminarju ta' Għawdex u aktar tard Isqof ta' dik id-Djoċesi. L-Orkestra kienet tal-Mro di Cappella Giuseppe Camilleri. Lil Dun Ġużepp kitiblu poeżija ħelwa qasira bl-Ingliż, għal fuq is-santa ta' tifkira, kuġinuh il-poeta Ġorġ Żammit sentejn qabel ma sar Avukat. U poeżija oħra tal-okkażjoni, itwal u bil-Malti, kitibhielu zijuh Karmenu Zammit, magħruf mill-familja bħala Prospru li kien joqgħod il-Belt Valletta u li aktar tard fil-gwerra kien refuġjat Ħaż-Żebbuġ ħdejn il-knisja tad-Duluri. Għall-okkażjoni tal-Prima Messa, missier Dun Ġużepp kien irregalalu pjaneta bajda tal-lamé, irrakkmata bid-deheb mis-sinjorina Helena Pizzuto ta' Santa Venera, li ġiet imżanżna għal din l-okkażjoni. F'Lulju 2015 din il-pjaneta flimkien ma' kalċi tal-fidda ġew irregalati lill-knisja arċipretali ta' San Ġorġ biex tibqa' tifkira dejjiema ta' dan is-saċerdot Qormi.

*ikompli f'paġna 98*

### Ħidmiet pastorali

Fi żmien il-kappillan Dun Anton Vella (aktar tard l-ewwel Arċipriet ta' din il-parroċċa) lil Dun Ġużepp niftakruh jibda l-ħidma pastorali tiegħu bħala Sagristan Maġġur, jiġifieri jħabrek fl-amministrazzjoni tas-sagramenti tal-qrar u t-tqarbin, u spiss bħala wieħed miż-żewġ ministri maċ-ċelebrant fil-quddies kantat tal-mejtin, li kien isir kważi kuljum fis-sitta u kwart tal-filgħodu. Kien jieħu sehem ukoll fil-Quddiesa kantata tad-disgħa ta' filgħodu, li kienet issir fil-Ħdud u fil-festi li kienu jsiru fil-parroċċa. Qabel, mhux bħal-lum, kien hawn ħafna qassisin u fil-festi bħal tal-fratellanzi, tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja, tat-23 ta' April, San Massinu u Santa Konsolata, Corpus Christi u Qalb ta' Ġesù, dejjem kienu jitkantaw il-primi Vespri u s-secondi Vespri waqt li fil-purċissjonijiet kienu jieħdu sehem il-qassisin numerużi tal-parroċċa.

Fil-parroċċa Dun Ġużepp serva diversi prokuri. Kien amministratur għal xi żmien tal-festa titulari ta' San Ġorġ M. kif ukoll membru fil-Kumitat Festi Esterni. U ta sehmu wkoll fil-festi ċinkwantinarji li saru ad unur il-qaddis tal-parroċċa tagħna u ta' beltna fis-sena 1953.

Wara ftit snin li ġie ordnat saċerdot, eżattament fl-1948, Dun Ġużepp ġie fdat bil-prokura tal-fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura. Kien iż-żmien ta' wara l-gwerra meta l-għaks kien għadu jinħass xi ftit, u l-fratelli ta' din il-fratellanza ma kinux ħafna dak iż-żmien. Dun Ġużepp ma damx wisq bħala prokuratur tal-fratellanza għax inqala' ftit għawġ. Mhux ħafna qabel il-gwerra kien ġie mżanżan il-ventartal tal-fidda tal-artal tal-Madonna taċ-Ċintura, opra sabiħa fil-fidda li żżejjen lil wieħed mill-artali fil-knisja tagħna. Billi dan ma kienx għadu mħallas kollu, l-agenti li kienu responsabbli li ordnawh u ġabuh Malta kienu se jikkonfiskawh lura u hekk konna nitilfu darba għal dejjem din l-opra sabiħa. Din il-ħaġa lil Dun Ġużepp tatu ġewwa wisq u ma ridhiex li tiġri. Għalhekk kien kellem lill-fratelli ta' din il-fratellanza biex jaraw kif kienu se jsolvu u joħorġu minn din is-sitwazzjoni b'wiċċ il-ġid. Wara li kien kellem lil xi fratelli, bħal Franġisku Mallia (it-Trux) li kien armat ta' ħaddied fi Triq il-Vittorja, lil Franġisku Portelli (tal-Melwezz) li kellu l-fabrikka tal-għagin fi Triq Pinto, kif ukoll lil Karmenu Cini, li kien bil-ħanut tal-merċa fejn l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju fi Triq San Pietru u devot tal-Madonna taċ-Ċintura, din is-sitwazzjoni kerha ġiet megħluba. Bis-saħħa ta' Dun Ġużepp u ta' dawk il-frattelli l-inkwiet ingħeleb u hekk din l-opra għadha u tista' tibqa' titgawda fis-snin li ġejjin. Dun Ġużepp dam prokuratur ta' din il-fratellana sal-1960.

### Prokuratur tas-Santwarju tal-Ħlas

Minn kmieni wara li sar saċerdot, Dun Ġużepp beda jgħin lil "zijuh" Dun Ġammari Bonnici fis-servizz mogħti fis-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas. Tant li meta Dun Ġammari beda jħossu ma jiflaħx, Dun Ġużepp, bl-approvazzjoni tal-Arċipriet u tal-Kurja Arċiveskovili, laħaq prokuratur minfloku. Dun Ġammmari Bonnici kien ilu prokuratur tas-Santwarju tal-Ħlas mill-1919 sal-1953. Bħala l-prokuratur il-ġdid, Dun Ġużepp kompla fuq il-ħafna tajjeb li kien għamel Dun Ġammari. Ta' min jgħid li Dun Ġużepp kien jitla' tal-Ħlas kull nhar ta' Ħadd waranofsinhar, mis-sagħtejn sal-erbgħa u nofs, biex l-ommijiet u l-familji jkunu jistgħu jmorru u jippreżentaw it-trabi tagħhom lill-Madonna. Kien jieħu pjaċir meta kien jiġi xi Ħadd u kien ikun hemm xi sitt itrabi, u dawn kienu jiġu ppreżentati waħda, waħda, mhux bħal-lum fil-quddiesa. Wara l-preżentazzjoni t-trabi kienu jiġu rreġistrati fis-sagristija. Meta ma kienx ikun jista' jmur il-Ħadd, jew għax ikun imsiefer jew għax ikun ma jiflaħx, Dun Ġużepp kien jitlob lill-Kanonku Dun Lawrenz Saliba jew lil Dun Karm Grech biex jaqduh u jitilgħu tal-Ħlas minfloku.

Kien Dun Ġużepp li l-festa ta' Santa Marija, li fi żmien Dun Ġammari kienet issir fil-ġurnata proprja tagħha nhar il-15 ta' Awwissu, beda jagħmilha Ħadd fuq Santa Marija. Hekk il-festa setgħet titgawda aktar, u n-nies setgħet tmur iktar tal-Ħlas. Sabiex iċ-ċelebrazzjonijiet

liturġiċi tal-festa tal-Ħlas ikunu isbaħ, Dun Ġużepp kien beda jġib xi żewġ vjolini u xi żewġ kantanti u, biex tkun kompluta, kien jissellef ukoll armonju. U biex il-festi ta' barra u fil-knisja jkunu aħjar u isbaħ, kien jikri ġeneratur tal-elettriku biex ikun hemm id-dawl (dak iż-żmien mhux bħal-lum, tmiss is-swiċċ u jkollok id-dawl). Kienet wkoll tintrama l-faċċata tal-knisja u l-pjazza. Lejliet il-festa kien ikun hemm il-primi Vespri u l-Barka Sagramentali. Sa qabel it-tibdil li l-Konċilju Vatikan II daħħal fil-liturġija, il-quddiesa kantata bil-paniġierku ta' nhar il-festa, kienet tkun fid-disgħa ta' filgħodu; wara kien ikun hemm il-preżentazzjonijiet tat-trabi lill-Madonna. Filgħaxija mbagħad, kien ikun hemm is-secondi Vespri u l-Barka Sagramentali. Wara t-tibdil fil-liturġija, il-Quddiesa kantata bdiet issir filgħaxija u Dun Ġużepp kien jerġa' jagħmel il-peżentazzjonijiet tat-trabi lill-Madonna u tingħata l-Barka Sagramentali.

Għall-festi ta' barra Dun Ġużepp kien jieħu ħsieb li tipparteċipa l-banda San Ġorġ M. ta' Ħal Qormi. Din kienet tibda il-marċ minn fejn il-każin tagħha sa fejn il-Vitorja u terġa' tagħmel marċ zgħir fit-telgħa tat-triq ta' qabel is-santwarju; wara tagħmel programm fuq iz-zuntier tas-Santwarju. Biex jagħlqu l-festi Dun Ġużepp kien jieħu ħsieb li jsiru xi għaxar irdieden mill-kamra tan-nar 23 ta' April ta' Ħal Qormi. Għall-festa kienu jikkonkorru ħafna nies anke minn barra Ħal Qormi. Mhux l-ewwel darba li Dun Ġużepp baqa' tal-Ħlas minn filgħodu sa ma tispiċċa l-festa fit-tard filgħaxjia u allura kienu jtellgħulu l-ikel, lilu u lil kull min kien ikun qed jgħinu. Imma l-għaxqa ta' Dun Ġużepp kienet tkun li l-festa tkun irnexxiet.

**Opri ġodda u ta' restawr fis-Santwarju**

Dun Ġużepp ħaseb biex isiru opri ta' tisbiħ u wkoll ta' ħtieġa fis-Santwarju tal-Ħlas. Għadni niftakru, ftit wara li ħa t-tmexxija tas-santwarju f'idejh, iħabrek biex jindura l-prospettiva tal-artal maġġur, opra li kienet intgħoġbot ħafna. Ma' din l-opra kien sar ukoll it-taraġ tal-artal bil-mużajk. Dawn l-opri kienu saru f'nofs il-ħamsinijiet tas-seklu l-ieħor. Ftit snin wara, fis-snin sittin, kien ħa ħsieb biex jirrestawra l-pittura tal-apside (li tirrappreżenta l-inkurunazzjoni tal-Madonna) li hemm fuq l-artal maġġur. Ir-restawr sar mill-artist Qormi Manuel Borg Gauci. Wara dan kien wasal iż-żmien li l-knisja, li qabel kienet fuq il-ġir, tiġi miżbugħa. Niftakar kont immur miegħu biex jixtri ż-żebgħa, li kienet tkun ġo patalotti kbar ta' 10 galluni, minn Triq San Bastjan, ftit 'l isfel mill-każin tal-banda Pinto. Il-knisja kienet inżebgħet minn Karmenu Azzopardi (il-Bonu). Ħaġa taqla' lill-oħra, kif ngħidu, u maż-żebgħa tal-knisja Dun Ġużepp ħa ħsieb ukoll l-art tal-knisja. Din kienet għadha bil-madum li kien sar ħafna snin qabel minn Dun Ġammari, imma bejn biż-żmien u bejn bl-umdità, il-madum issa kien jeħtieġ jinbidel. U fil-fatt dak il-madum tneħħa u minfloku tqiegħed dak li hemm illum. Dun Ġużepp kien irrestawra u indura wkoll il-loppa tal-lampier, u kien xtara lampier ieħor biex sakem jiġi arġentat tal-festa jintuża floku. Kien bidel wkoll id-drapp għal kanupew u għal ventartal għax li kien hemm, li kien għamel Dun Ġamm, kien spiċċa.

Dawn l-opri saru kollha mill-ftit il-ftit li d-devoti tal-Madonna kienu jagħtu, donazzjonijiet li Dun Ġużepp kien jamministra bil-għaqal u bil-qies. Dun Ġużepp tant kien ħabb is-Santwarju li meta kien ikun wasal żmien il-festa u ma kienx isib minn fejn jikri ġeneratur kien jiddispjaċih ħafna; għalhekk kien iddeċieda li jixtri ġeneratur hu personalment, minn butu. Dan il-ġeneratur kont nieħu ħsiebu jien (bħalma kont nieħu ħsieb il-festa). Meta Dun Ġużepp wasal biex iħalli minn idejh il-knisja, dan il-ġeneratur kien biegħu biex jiġbor flusu. Hawnhekk nixtieq ngħid li kien hemm snin meta l-knisja nxtegħlet bix-xema' u bl-aċitelena.

Dun Ġużepp kien irrestawra l-kwadru titulari tal-Madonna mtellgħa s-sema; ir-restawr tħalla f'idejn l-artist Maurice Cordina. Lejn l-aħħar tal-prokura tiegħu kien irrestawra wkoll il-kwadru titulari l-antik li kien hemm fis-sagristija, li hu xogħol tajjeb fuq l-injam li jmur lura għas-sena 1557, u li aktar tard kien ġie ttrasportat għall-mużew tal-knisja arċipretali biex ikun aktar fis-sigurtà. Għal din il-biċċa xogħol ta' restawr, *ikompli f'paġna 100*

li ħalla f'idejn l-artist Maurice Cordina, Dun Ġużepp kien ġab il-flus mill-fratellanza tal-Madonna tal-Karità tal-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta. Fl-aħħar tal-prokura kien beda jagħmel id-damask fil-knisja. Dun Ġużepp baqa' jieħu ħsieb is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas sal-1975.

**Fil-Missjoni ż-Żgħira u Vigarju Kurat**

Dun Ġużepp kien membru wkoll tal-ewwel kumitat (kien imsejjaħ il-Ġunta tal-Ġimgħa l-Kbira) li twaqqaf biex jieħu ħsieb il-festi tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir bejn is-snin 1956-1960. Fis-sena 1953 hu kien sar membru tal-Missjoni ż-Żgħira, kariga li żamm għal snin twal u li baqa' jaqdi sakemm saħħtu ppermettietlu. F'din l-ħidma hu u sħabu ta' din il-missjoni kienu jduru l-parroċċi ta' Malta jwettqu l-ħidma pastorali li jkun hemm bżonn. Mis-sena 1956 huwa kien wkoll il-prokuratur ta' parti mil-legati tal-quddies. Niftakru lil Dun Ġużepp, għall-ħabta tal-1954 iħabrek, flimkien mal-avukat Dr. Ġorġ Zammit (kuġinuh u president tal-każin tal-banda San Ġorġ M.), Ġużè Cardona, Ġorġ Azzopardi, Ġorġ Baldacchino u oħrajn biex tinstab soluzzjoni ġusta għal meta nfetħet Triq Aniċi. Dan kien wassal biex anke tela' Ruma ma' kuġinuh l-avukat Ġorġ Zammit biex jagħmlu kuntatt mal-Vatikan fuq din il-kwistjoni.

Għal xi żmien Dun Ġużepp qeda wkoll lill-Arċidjoċesi ta' Malta bħala Vigarju Kurat fil-parroċċi ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop, ta' San Pawl f'Ħal Safi u ta' San Sebastjan f'Ħal Qormi, kif ukoll f'Ruma, l-Italja u f' Marzamemi fi Sqallija. Għal ħafna snin Dun Ġużepp kien konfessur regolari fil-knisja parrokjali ta' San Gejtanu l-Ħamrun, pastorali li kien iwettaq b'sens kbir ta' dover. Fil-Ħamrun Dun Ġużepp għamel xi żmien ukoll kappillan tad-Dar ta' Fra Diegu fejn kien hemm it-tfal orfni. Dan għamlu wara li San Ġorġ Preca, li kien ilu kappillan ta' dan l-orfanatrofju għal żmien twil, irtira minn din il-kariga minħabba saħħtu. Hemm Dun Ġużepp kien jiltaqa' spiss ma' dan il-qaddis Malti. Dun Ġużepp kien ukoll predikatur fil-prietki tar-Randan u, meta kien ikun mistieden, anke ta' xi festi.

**Kanoniku Penitenzier tal-Kolleġġjata ta' San Pawl**

F-1960, wara ċ-ċentinarju Pawlin u l-festi kbar li kienu saru fil-Belt Valletta u fuq skala nazzjonali ma' Malta u Għawdex, il-Kapitulu Urban bl-approvazzjoni ta' Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi għoġobhom jinnominaw lil Dun Ġużepp Zammit bħala Kanoniku Penitenzier tal-Kolleġġjata Pawlina tal-Belt Valletta, kariga li Dun Ġużepp qeda b'tant żelu sakemm saħħtu ppermettietlu. Għal Dun Ġużepp il-kariga ta' penitenzier kienet bħal balzmu għax kien Sagrament li tant kont tarah jamministra kullimkien u kull waqt. Dun Ġużepp ħa l-pusses ta' Kanoniku Penitenżier tal-Kapitlu Urban fit-12 ta' Diċembru 1960 waqt li fuq Malta, għadni niftakar tajjeb, kienet għaddejja maltempata ta' xita. Ftit wara l-pussess kien assenjat il-prokura tal-festa ta' San Pawl Nawfragu u tal-knisja kolleġġjata.

Din il-prokura kienet tfisser li ried jieħu ħsieb dak kollu li kien ikun hemm bżonn isir fil-knisja. U dan kien ifisser ukoll li ried jieħu ħsieb il-festa ta' San Pawl mill-bidu sat-tmiem – mill-armar ta' barra t-triq, il-marċi tal-festa, il-funzjonijiet u l-mużika fil-knisja – jiġifieri dak kollu li tirrikjedi l-festa. (Ta' min jgħid li dak iż-żmien kien għadu ma twaqqafx il-Kumitat tal-Pawlini). F'din il-kariga Dun Ġużepp kien sab koperazzjoni kbira minn ħbieb li kellu u ammiraturi tal-festa Pawlina. Hawn ta' min isemmi li Dun Ġużepp kien sab ma' wiċċu dejn li kien sar fiċ-ċentinarju Pawlin. Issa Dun Ġużepp kien bniedem li jekk se jagħmel xi ħaġa, qabel ma jagħmilha ried ikun jaf li hemm mezzi biżżejjed jew li se titħallas żgur, inkella ma kien jagħmel xejn. Għalhekk din il-kwistjoni tad-dejn kien ħadha b'serjetà kbira, tant li b'għaqal kbir irnexxielu jħallas id-dejn kollu li kien hemm.

Dun Ġużepp kien jattendi il-funzjonijiet liturġiċi kollha li jsiru fil-Kolleġġjata, kien jiċċelebra

kuljum il-quddiesa tad-disgħa ta' filgħodu u nhar ta' Ħadd dik ta' nofsinhar neqsin kwart. Dawn il-ħinijiet baqa' jħarishom sakemm saħħtu ppermettietlu. Fit-23 ta' Settembru 1969 Dun Ġużepp għalaq 25 sena saċerdot u flimkien ma' sħabu s-saċerdoti u l-familjari u l-ħbieb, kien iċċelebra quddiesa ta' ringrazzjament fil-kolleġġjata ta' San Pawl il-Belt Valletta. L-stess kien għamel 25 sena wara, meta kien iċċelebra l-ġublew tad-deheb nhar it-23 ta' Settembru 1994. Il-parrinijiet waqt din iċ-ċelebrazzjoni kienu ħutu ĠannAndrea u Antonio.

**L-aħħar snin**

Dun Ġużepp għadda l-aħħar tmien snin ta' ħajtu rikoverat id-dar tiegħu. Imma matul l-ewwel sitt snin xorta baqa' jqaddes id-dar billi kien jiġi megħjun minni kuljum, mit-tnejn sal-Ħadd. Fuq nota personali nixtieq ngħid li din kienet xi ħaġa li kont nagħmel bil-qalb ma' dan il-persunaġġ li tant kien għamel għal ħaddieħor (u miegħi wkoll) u li kien jixraqlu jieħu lura xi ħaġa żgħira hu. Għalkemm id-dar irtirat, kienu jżuruh u jfittxuh ħafna għall-qrar u għall-pariri, xi ħaġa li kienet tagħtih sodisfazzjon kbir fil-ministeru saċerdotali tiegħu. Minn dawn kien hemm wkoll membri tal-kleru. Meta ma setax iqaddes aktar, kienu jiġu jżuruh u jqarbnuh id-dar membri tal-kleru tal-parroċċa S. Ġorġ. M. Hawn nixtieq insemmi lill-mibki l-Kan. Dun Feliċ Tabone, lill-mibki l-Kan. Dun Mikiel Zammit, lil Dun Karm Grech, lil Dun Pawl Genovese u lill-Arċipriet il-Kan. Dun Anton Cassar. Wara t-tqarbin kien ikun jistenna dik it-taħdita żgħira ma' min ikun wassallu l-Ewkaristija.

Dun Ġużepp għadda għall-ħajja ta' dejjem, mgħannaq ma' Kristu Rxoxt li xbieha tiegħu dejjem kienet fl-uffiċċju tiegħu, nhar it-Tnejn, 29 ta' Mejju 2006 fid-disgħa neqsin għoxrin ta' filgħodu, imdawwar mill-familjari tiegħu li tant kien jirrispetta u jħobb. Il-Funeral tiegħu sar nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju fis-sagħtejn u nofs ta' waranofsinhar, mid-dar tiegħu għall-knisja Arċipretali ta' San Ġorġ M., akkumpanjat mill-membri tal-kleru u l-familjari tiegħu u ħbieb. Il-Quddiesa ġiet iċċelebrata mill-Arċipriet tal-parroċċa Ġorġjana Dun Anton Cassar, assistit mill-kleru tal-paroċċa u għadd ta' saċerdoti oħra, fosthom rappreżentanza tal-Kapitlu Urban immexxija mill-Arċipriet Dun Alfred Camilleri. L-Omelija funerarja kienet esegwita mill-Kan. Dun Feliċ Tabone, filwaqt li t-tberik tal-aħħar sar minn Mons. Dun Karm Zammit fil-preżenza tal-Vigarju Ġenerali tal-Arċidjoċesi Mons. Annetto Depasqule, iben den tal-parroċċa Ġorġjana. Il-korteo funebri tkompla wara għaċ-ċimiterju tar-Reżurrezzjoni f'Ħal Qormi fejn Dun Ġużepp ġie midfun fil-qabar tal-familja, sezzjoni A nru 5. Kien hemm ħafna aktar xi tgħid u x'tikteb fuq Dun Ġużepp. Jiena li trabbejt u f'żgħożiti ħriġt dejjem miegħu, naf ħafna aktar, imma naħseb li ktibna biss dak li hu importantti u li hu ta' interess għall- qarrejja. Naħseb li dan kien kontribut mistħoqq lil wieħed minn ulied din il-Belt u din il-parroċċa li sawritu u għamlitu dak li kien.


J.T Jewellers

*Cash for your Gold*

***498, Victory Street, Qormi QRM 11***

***Tel / Fax: 2144 5687***